# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 2**
**Rikors numru 1203/18 LSO**

**Josephine Azzopardi**

**v.**

**Angelo Farrugia u Clayton Farrugia**

Dan hu appell minn digriet li nghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Mejju, 2019, li permezz tieghu cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru 953/2018 mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li tinghata garanzija ghall-ammont ekwivalenti ghal dak mitlub mis-sekwestranti u li jekk ma tiddepozitahx jew iggib garanzija bankarja, l-istess mandat ma jibqax fis-sehh. Ghalhekk filwaqt li dik il-Qorti cahdet it-talbiet rikorrenti, kkonfermat il-mandat ta' sekwestru numru 953/2018.

L-appellant sekwestrat Clayton Farrugia qieghed jappella minn dak id-digriet u permezz tar-rikors tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-16 ta’ Mejju, 2019, fl-ismijiet premessi u minflok tilqa’ t-talba tieghu ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru mahrug minn Josephine Azzopardi, kontra tieghu personalment, flimkien ma’ missieru u liema mandat ta’ sekwetru kien inhareg fit-22 ta’ Gunju, 2018, bin-numru 953/18 fl-ismijiet premessi.

Is-sekwestranti Josephine Azzopardi wiegbet ghall-imsemmi rikors ta’ appell, fis-sens li fl-ewwel lok tikkontendi li l-appell odjern huwa irritu u null u ghalhekk din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu u fin-nuqqas, ghandha wkoll tichad l-istess fi kwalunkwè kaz. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jigu sofferti interament mill-appellant.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-smigh tat-28 ta’ Jannar, 2020, u dakinhar halliet l-istess rikors differit ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Ir-rikors promotur kien jitratta talba ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li jgib referenza 953/2018, kif ukoll talba li s-sekwestrant taghti garanzija ekwivalenti ghall-ammont mitlub u li fin-nuqqas taghha, l-

mandat ma jibqax fis-sehh. L-imsemmi mandat inhareg mis-sekwestranti in kawtela tad-danni allegatament sofferti minnha ghall-okkupazzjoini tal-fond Block C, Flat 31, Triq is-Sur Fons, San Giljan, fl-ammont ta' €150,000. Il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni gie ntavolat wara li gew decizi in prim'istanza proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet **Josephine Azzopardi pro et noe v. l-Avukat Generali et** (li jgib referenza 89/2014) fejn gie determinat li Angelo Farrugia, Josephine Farrugia u Clayton Farrugia ma setghux igawdu mill-protezzjoni tal-Artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, kwindi ma setghux ikomplu jirrisjedu fl-imsemmi fond. (Din is-sentenza giet ikkonfermata fis-sustanza taghha mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019, salv ghal awment fil-kumpens u riforma fil-kap tal-ispejjez.)

L-ewwel Qorti, wara li qieset it-talbiet tas-sekwestrati u kkunsidrat li t-talbiet taghhom jinkwadraw sew taht il-provvediment tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), kif ukoll qieset l-provi u l-argumenti mressqa miz-zewg nahat, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u kkonfermat il-mandat ta' sekwestru 953/2018.

L-appellant sekwestrat Clayton Farrugia hassu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti u interpona appell minn dak id-digriet inkwantu gie meqjus minnu bhala kontradittorju, kif ukoll jinghad minnu li lanqas kien wiehed

ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz (b'referenza ghall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12).

Permezz tar-risposta taghha, is-sekwestranti Josephine Azzopardi kkontestat il-mertu tal-appell, kif ukoll issollevat punt preliminari – dak koncernanti n-nullità tal-appell ai fini u effetti tal-ligi. Dan a bazi ta' kazistika estensiva li konsistentement eskludiet l-appell bhala rimedju ghall-parti sokkombenti meta ssir talba ghar-revoka ta' mandat, liema talba tigi michuda, bhal ma gara f'dan il-kaz.

Isegwi li jehtieg li din il-Qorti tinvesti dan il-punt preliminari sollevat mis-sekwestranti appellata, stante li jekk jinsab li ghandha ragun, ma jkunx il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fil-mertu tal-aggravji fl-appell in ezami.

Kif gustament osservat mis-sekwestranti appellata fir-risposta taghha, tirrizulta gurisprudenza estensiva fuq dan il-punt. Hekk per ezempju fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Tanti pro et noe v. Sammy Mifsud et** li fiha kien hemm ukoll gabra estensiva ta' kazistika fir-riigward, meta nghad:

> "*Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell,**ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv***

***ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell**."*

"*… digrieti dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setghux jitqiesu definitivi …lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b'citazzjoni ta' l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta' appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta' vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skond il-ligi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24)*

"*Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew ahjar sentenzi definittivi), jezistu (kif inghad) digrieti ohrajn li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-legislatur ma pprovda xejn dwar kif ghandhom jigu impunjati. Pero', skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna, l-impunjazzjoni ta' dawn it-tipi ta' digrieti ssir permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawza tigi deciza, is-sentenza tkun tista' tigi appellata b'appell ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell." ("Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Ottubru, 1991) …*

"*Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setghax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-disposizzjoni pero' taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4),(5) u (6) huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).*

"*Stabbilit illi l-artikolu 229 ma kienx applikabbli għall-kaz taħt ezami, il- Qorti tasal għall-konkluzjoni illi seta' kien applikabbli biss l-artikolu 836.*

"*Konkluzjoni din imsaħħa in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta' jigi kontestat digriet fir-rigward tal-ħrug ta' kontro-mandat ta' att kawtelatorju. Dan l-artikolu, il-legislatur kien introducieh inter alia bħala kawtela dovuta kontra l-ħrug ta' mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f'cirkostanzi meta seta' jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x'jagħmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-diposizzjoni allura tipprovdi għal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura toħrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruħu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dik id-decizjoni li tawtorizza l-ħrug tal kontro-mandat kellha tibqa' fis-seħħ, ma setgħetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ...". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas kien permess għall-istess Qorti li toħrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni tagħha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' l-inciz 836. Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissugerixxi kif gia ingħad pero' a contrario sensu illi setgħu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad it- talba għall-ħrug ta' kontro-mandat u li allura ikun ħalla l-att kawtelatorju fis-seħħ kontra d-debitur. Il-legislatur pero' illi daħal f'dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa' talba għar-revoka in toto jew in parte ta' mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta' kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-ħrug ta' l-opportun kontro-mandat, naqas illi jipprovdi għall-mod kif seta' jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad rikors tad-debitur għall-ħrug ta' kontro-mandat.*

"*Una volta l-legislatur għazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' revizjoni generali tal-ligi procedurali magħmula bl-Att XXIV ta' l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti tagħha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-ħrug ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll għal digriet tal-ħrug ta' kontro-mandat ta' l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni għaliex l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li għadu fis-seħħ billi l-ebda disposizzjoni ta' ligi li giet introdotta ma pprovdiet għal din l-eventwalita'.*

> "*Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta' att tac-citazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza*".

Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma' dan kollu. Fi kliem iehor, l-appellant sekwestrat Clayton Farrugia, ma setax jirrikorri direttament quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta d-digriet tal-ewwel Qorti, tas-16 ta' Mejju, 2019, izda kellu jipprocedi permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u se mai, jappella mill-eventwali decizjoni tal-Prim'Awla quddiem din il-Qorti.

Ghar-ragunijiet premessi, l-punt sollevat mis-sekwestranti appellata jirrizulta fondat fil-fatt u fid-dritt u l-appell odjern huwa null. Ghalhekk din il-Qorti tilqa` l-pregudizzjali sollevata mis-sekwestranti appellata, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji sollevati mill-appellant sekwestrat.

Bl-ispejjez kontra l-appellant sekwestrat Clayton Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb